MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2009

Numru. 263/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDMUND CUSCHIERI**

**KONTRA**

**PRISCILLA MARCELLE FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Priscilla Marcelle Farrugia ta’ 30 sena, bint Mario u Catherine nee’ Caruana, mwielda Pieta’ nhar it- 28 ta’ Settembru 1978, residenti fil- fond 72, La Paloma, Triq Toni Bajjada, San Pawl il- Bahar u detentrici tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 480978(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fis- 27 ta' Jannar 2009, ghall- habta ta' 9.10 fi Triq Burmarrad, San Pawl il- Bahar waqt li kienet qed issuq il-vettura bin- numru tar-registrazzjoni FBJ 513, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar- regolamenti tat-traffiku, tajret lil Emanuel Zammit u kkagunatlu griehi ta' natura gravi skond ma ccertifikat Dr. Rodianne Bonnici MD(reg 5116).

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti rrisulta li fid-data u l-lok indikati, il-vittma kien qed jaqsam it-triq ftit 'il fuq minn "pedestrian crossing", u minn quddiem vettura ohra pparkjata, b'hekk illi l-imputata ma setghetx tarah jaqsam. Di fatti, hu intlaqat mill-vettura misjuqa minnha, u ma gie attribwit ebda velocita' eccessiva mill-imputata. Jirrisulta ghalhekk li l-vittma qasam minn quddiem vettura ipparkjata, b'mod li hu kien mistohbi ghat-traffiku gej fuqu, u qasam 'il boghod mill-"pedestrian crossing". Dawn il-fatti gew ikkorroborati miz-zewg xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni, il-vittma stess u t-tifla tieghu. Ghalhekk l-imputata giet iffaccjata minn emergenza subitanja, minghajr ma kellha ebda kontribuzzjoni ghall-istess. Ghaldaqstant ma tistax tinstab htija fiha tal-incident mertu ta' din il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 226 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lil imsemmija imputat hatja u ghaldaqstant tilliberaha.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------